# Mas-Sigra tal-Ballut



Ktejjeb għat-tfal dwar l-Unjoni Ewropea bi storja ta'

**TREVOR ŻAHRA**

# Mas-Siġra
# tal-Ballut

europe direct Valletta

meusac
Connecting citizens to the EU

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2020

© Drittijiet tal-kitba:
Europe Direct Valletta
MEUSAC
Trevor Żahra

© Drittijiet tal-edizzjoni:
Europe Direct Valletta
MEUSAC

Produzzjoni tal-ktieb: Outlook Coop
Disinn: Outlook Coop

ISBN: 978-99957-1-866-4

*Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni huma miżmuma mill-MEUSAC, Europe Direct Valletta u Trevor Żahra. Dan il-ktieb qed jitqassam b'xejn, ma jistax jinbiegħ u jista' jitqassam fl-istess format minn kull min jixtieq, għalkemm ma jista' jsir l-ebda tibdil fix-xeħta, il-kontenut, id-disinn, u l-illustrazzjonijiet tal-ktieb.*

*Waqt li sar kull sforz biex l-informazzjoni f'dan il-ktejjeb tkun korretta, il-MEUSAC u Europe Direct Valletta m'għandhomx jinżammu responsabbli għal xi żbalji li setgħu saru, jew xi dettalji li setgħu nbidlu mid-data tal-pubblikazzjoni.*

Stampat fuq karta FSC

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C110322

# Kontenut

Introduzzjoni .......... 5

**L-Ewwel Parti - Storja ta' Trevor Żahra .......... 7**

**It-Tieni Parti -**
**Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea .......... 29**

Introduzzjoni .......... 30

Kif bdiet l-Unjoni Ewropea? .......... 31

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea .......... 32

Is-Simboli tal-Unjoni Ewropea .......... 35

Il-Valuri tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha .......... 39

Malta fl-Unjoni Ewropea .......... 51

**It-Tielet Parti - Eżerċizzji .......... 55**

# Introduzzjoni

Dan il-ktejjeb hu maqsum fi tliet partijiet: Storja, Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea, u Eżerċizzji dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-ħajja ta' kuljum ta' ors, brimba, serp, qanfud u ġojjin iddur ma' siġra tal-ballut. Huma jafu lil xulxin u jitkellmu dwar dak li jgħaddu minnu. L-iktar ħaġa li tinkwetahom hi li ħafna drabi ma jħalluhomx jgħixu fil-kwiet. Huma jafu li l-ors mhux il-brimba, u l-qanfud mhux il-ġojjin, daqskemm mhumiex is-serp! Huma differenti ħafna minn xulxin, kif jimxu u jiċċaqilqu minn post għal ieħor, x'jieklu u x'gosti oħra għandhom. Imma jagħrfu li d-differenzi ta' bejniethom ma jfixkluhomx milli jgħixu flimkien madwar is-siġra tal-ballut!

Sakemm jiġi l-fenek u jinqala' l-għawġ! F'inċident li jinqala', l-ors, il-brimba, is-serp, il-qanfud u l-ġojjin juru lill-fenek li lkoll bżonn xulxin u li meta jaħdmu flimkien, igawdi kulħadd!

L-EWWEL PARTI

# *Mas-Sigra*
# *tal-Ballut*

Storja ta'

**TREVOR ŻAHRA**



Il-ġranet bdew jitwalu. Is-sema beda jkun kważi dejjem bnazzi. Il-fjuri bdew jiftħu u s-siġar jimtlew b'weraq ġdid.

Ir-rebbiegħa waslet!

L-ors ħareġ minn ġol-għar fejn kien qatta' x-xhur kollha tax-xitwa fl-irqad. Tmattar, għorok għajnejh u ġibed nifs twil 'il ġewwa.

"Xi ġmiel ta' ġurnata!" qal f'qalbu.

"Bonġu, Sur Ors," instema' jgħidlu leħen ċkejken.

L-ors għolla ħarstu 'l fuq, u ma' fergħa ta' siġra tal-ballut jilmaħ brimba ħoxna.

"Kif tħossok?" reġgħet sellmitlu l-brimba.

L-ors tmattar oħra akbar minn ta' qabel u qalilha li issa, li x-xitwa għaddiet u ntemm il-maltemp kollu, iħossu qisu twieled mill-ġdid. U l-brimba qablet miegħu.

"Imma ħej," kompla l-ors waqt li ntelaq bilqiegħda taħt il-balluta, u l-brimba niżlet ħdejh tiddendel mal-għanqbuta, "ma nafx kemm-il darba qajmuni maħsud f'nofs l-isbaħ raqda. Il-foresta m'għadhiex post kwiet kif kien dari. Qed jgħaddu wisq nies minn hawn u erħilhom jgħajtu u kullimkien jagħmluh tagħhom."

"Għandek raġun," qablet miegħu l-brimba, "jien ukoll qed insofri minn dil-ħaġa. Wara li nkun ilni ġranet sħaħ ninseġ l-għanqbuta, mhux l-ewwel darba li jersqu xi żewġt itfal imqarbin u jċarrtuhieli. U jkolli nibda kollox mill-ġdid."



Imma f'daqqa waħda, waqt li l-brimba kienet għadha qed titkellem, instama' ħoss stramb fil-ħaxix u l-ors qam jiġri bilwieqfa.

"Dan x'ħoss hu?" qal l-ors lill-brimba. "Smajtu?"

"X'waħda din!" għajtet il-brimba waqt li telgħet tiġri 'l fuq mal-għanqbuta. "Ġol-ħaxix hemm donnhom par għajnejn sofor!"

"U ajma kemm tieħdu qtajja' mix-xejn!" instama' jgħid xi ħadd minn qalb il-ħaxix.

U f'daqqa waħda tfaċċa serp minn lewn id-deheb kollu disinji suwed u kannella.

"Smajtkom titkellmu," qalilhom waqt li resaq jitkaxkar lejhom. Il-brimba niżlet lura minn ġol-friegħi tal-balluta.

"Sewwa kontu qed tgħidu: dil-foresta m'għadhiex li kienet," żied jgħidilhom. "L-ikel qiegħed dejjem jiskarsa u jien qed nogħlob bis-sigħat. M'intomx tinnotaw kif sirt għadma u ġilda?"

"U int mhux dejjem għadma u ġilda kont!" qal xi ħadd b'nofs daħka ... u bħal leħħa ta' berqa tfaċċa quddiemhom il-qanfud.

"Lilek qatt ma nafek oħxon," kompla jgħid il-qanfud lis-serp, waqt li resaq jitgeddes maġenb l-ors.

"U lilek dejjem nafek qisek rizza," wieġbu s-serp waqt li ħares lejh biċ-ċiera.


M
VRUMMM

"Jien ukoll smajtkom tgergru," qalilhom il-qanfud. "Imma żgur li ħadd mhu qed ibati daqskemm qed inbatu aħna l-qniefed. Il-ġimgħa l-oħra tnejn minn sħabna sparixxew."

"Sparixxew kif?" kien pront staqsieh l-ors.

"Insomma ... mhux eżattament sparixxew," wieġeb il-qanfud, "imma fettlilhom joħorġu ftit mill-foresta u jaqsmu dak il-blat lixx tal-bnedmin u f'daqqa waħda ... vrummmm...!"

"Vrummmm xiex?" staqsew flimkien il-brimba u s-serp.

"Ħeqq ... għadda wieħed minn dawk il-mostri kbar li jagħmlu ħafna ħsejjes u dħaħen u ... lanqas niftakar ma rrid!"

"Għaffiġhom?" staqsieh l-ors.

Imma l-qanfud lanqas kellu nifs iwieġbu. Ingħalaq fih innifsu, sar ballun u minn qalb ix-xewk tiegħu nstemgħet tielgħa bħal bikja ċkejkna.



"Imma dan mhux sew," qabeż jgħidilhom l-ors. "Hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa!"

"Mhux sew! Mhux sew! Psitt... psitt!"

Ġojjin fuq ruħu niżel idur tond fuq rashom u jtenni:

"Mhux sew! Mhux sew!"

"Iskot, ja nofs ras!" qallu l-qanfud. "U int ukoll jaqbillek toqgħod attent, għax malajr issib ruħek ġo xi gaġġa!"

"Gaġġa xi tkun?" staqsa l-ġojjin.

Din qatt ma kien semagħha qabel.

"Jekk ma tafx xi tkun gaġġa, tinsab f'periklu akbar," qabżet tgħidlu l-brimba.

U waqt li l-ġojjin niżel jistrieħ fuq fergħa tal-balluta, l-annimali l-oħra bdew jispjegawlu kif xi bnedmin ikunu dejjem għassa tagħhom biex jaqbduhom ġo xbiek kbir u jsakkruhom ġo gaġġa biex joqogħdu jisimgħuhom jgħannu. Il-ġojjin bilkemm ried jemmen lil widnejh.

"Żgur m'iniex se niċċaqlaq aktar minn ġo din il-balluta," qalilhom imwerwer il-ġojjin.

"Imbagħad tmut bil-ġuħ," wieġbu s-serp minnufih.



L-ors qam jippassiġġa. Xeħet idejh wara dahru u beda jdur 'l hawn u 'l hinn bla sabar.

"Tafu x'qed naħseb?" qalilhom wara ftit. "Imissna ningħaqdu flimkien biex nibdew ngħinu lil xulxin."

"Ngħinu lil xulxin, kif?" staqsiet il-brimba.

"Ma nafx," reġa' l-ors, "Imma forsi ... fejn naf jien. Forsi jekk il-qanfud ikollu bżonn joħroġ mill-foresta biex jaqsam minn fuq dak il-blat lixx, il-ġojjin ikun jista' joqgħodlu għassa, li ma jmurx ikun ġej xi wieħed minn dawk il-mostri!"

"Iva, mela x'inhu!" beda jaqbeż u jferfer ġwenħajh il-ġojjin. "U jekk jiena ninqabad f'xi xbiek minn dawk li semmejtu, inti tkun tista' tiġi teħlisni."

"Idea tajba!" qabeż jgħid is-serp.

"Togħġobni!" kompliet magħhom il-brimba.



Iżda bilkemm laħqet spiċċat kliemha l-brimba li ma nstemax xi ħadd ikanta:

"Xi ġmiel ta' sema safi,
Ġurnata tant speċjali,
Bħal-lum tassew jaqbillek
Tkun fenek ħelu bħali!"

U f'daqqa waħda tfaċċa fenek kannella, jaqbeż minn fuq ġebla għal oħra, iferfer widnejh, iħabbat b'saqajh mal-art u jtajjar il-ħaxix minn kull fejn jgħaddi. L-ors u sħabu waqfu skantati jħarsu lejh.

"Bonġu," qalilhom il-fenek meta rahom weqfin iċċassati. "Qed tistagħġbu bija, hux tassew? Għandkom raġun. Ma tantx għad fadal fniek sbieħ daqsi. Ħarsu ... ħarsu. Tpaxxew bija! Qatt rajtu suf aktar bellusi u artab minn tiegħi? U x'jidhrilkom minn dal-par għajnejn ċelesti li għandi! U araw x'ħabta għandi nċaqlaq imnieħri ... u dan denbi ċkejken u ħelu qisu ballun tajjar!"

U kien jibqa' jredden li kieku l-ors ma qabiżx jgħidlu:

"Trid tissieħeb mal-għaqda tagħna?"

"X'għaqda hi? X'għaqda hi?" staqsieh il-fenek waqt li reġa' beda jaqbeż minn fuq ġebla għal oħra.



U bis-sabar kollu, l-ors u l-brimba, is-serp, il-qanfud u l-ġojjin bdew jgħidulu bil-problemi li kienu qed iħabbtu wiċċhom magħhom, u li jekk jibdew jgħinu lil xulxin, ikunu jistgħu jsolvuhom aħjar.

"U ħallini minnkom!" infexx jidħak il-fenek. "Jien qatt ma jkolli problemi. U tafu l-għaliex? Għax malli nara problema jiena nitlaq niġri u naħrabha. Mela x'inhu! Ħadd ma jiġri daqsi. Intom għandkom raġun tinkwetaw ... għax inti, Sur Ors ... mhux biex noffendik, tafx, imma inti qisek ħaġa rieqda, bilkemm tiflaħ tiċċaqlaq. U int, Sinjorina Brimba, ħsiebek biss biex taħdem dik il-misħuta għanqbuta mindu jisbaħ sa ma jidlam. U l-qanfud, malli jara li ġej l-inkwiet, minflok jitlaq jiġri bħali, jingħalaq ballun u jibqa' fejn ikun. U l-ġojjin qisu ħaġa belha, jaħli l-jum kollu bit-tpespis! Imbagħad is-serp ... x'waħda din xi kruha! Imma jiena ... ħarsu lejja. Għidu s-sewwa, qatt rajtu ħaġa isbaħ minni f'dil-foresta kollha? Jiena m'għandi bżonn ħadd!"

U telaq jiġri jferfer widnejh u jkanta.

"Jien fenek tassew rari,
Jien annimal speċjali,
Min jaf kemm qed tixtiequ
Li kontu fenek bħali!"



"Tagħtux kasu," qalilhom l-ors meta l-fenek ma deherx aktar u reġa' waqa' s-skiet. "Nagħmlu għaqda bejnietna l-ħamsa. Kull filgħodu nibdew niltaqgħu hawnhekk ħdejn il-balluta, u kulħadd ikun jista' jitkellem dwar kulma jkollu bżonn dakinhar!"

U hekk sar. Kull filgħodu bdew jiltaqgħu u jiddiskutu. Kienu jħossu tassew moħħhom mistrieħ, għax issa ma kinux aktar waħidhom. Kull wieħed minnhom kien jaf li hemm sħabu dejjem lesti biex jgħinuh.

Għodwa waħda qamet maltempata kbira. L-annimali tgeddsu ġol-bejtiet tagħhom waqt li x-xita bdiet nieżla bil-qliel u r-ragħad ikarwat waħda waħda. F'daqqa waħda jisimgħu tifqigħa qawwija ta' sajjetta u xi ħadd jokrob...

"Ajma, ajma! Ajjut!"

L-ors ma qagħadx jaħsibha darbtejn. Minkejja dik il-maltempata kollha, telaq jiġri b'saħħtu kollha lejn in-naħa mnejn kien ġej dak l-għajjat. Il-ġojjin rikkeb lill-brimba fuq dahru u telqu wara l-ors. Il-qanfud u s-serp erħewlha għal warajhom, iċafalsu ġol-għadajjar. L-ewwel ma waslu kienu l-ġojjin u l-brimba. Imbagħad wasal l-ors u ftit wara laħqu l-qanfud u s-serp. Jilmħu siġra kbira taż-żnuber, imqaċċta min-nofs, u maqbud taħt iz-zokk oħxon tagħha, kien hemm il-fenek il-kannella jokrob bl-uġigħ u jtenni "Ajma, ajma!" Siequ kienet maqbuda taħt iz-zokk u ma setax jiċċaqlaq.

"Ibqa' kif int," qallu l-ors, "ħalli f'idejja!"



L-ors ħataf iz-zokk tas-siġra bejn idejh u f'sekonda għollieh 'il fuq minn fuq sieq il-fenek u xeħtu fil-ġenb.

"Ajma, ajma!" kompla jokrob il-fenek.

"Issa ejjew infittxu nitilqu minn hawn," qalilhom l-ors, "li ma tmurx tfaqqa' xi sajjetta oħra. Ħaffef," dar jgħid il-fenek, "irkeb fuq dahri!"

Fi ftit minuti reġgħu kienu lkoll għall-kenn taħt il-balluta tagħhom. Sadattant ix-xita bdiet tnaqqas. Imma l-fenek ma setax iċaqlaq siequ u mill-ferita li kellu kien ħiereġ ħafna demm.

Is-serp qalilhom biex iħallu fi ħsiebu. Tkebbeb tond madwar siequ u beda jagħfashielu kemm jiflaħ ... u b'hekk wara ftit id-demm waqaf għalkollox.

"Issa għandna bżonn l-ilma biex innaddfulek il-ferita!" qalet il-brimba. "Imma l-għadira tinsab fuq in-naħa l-oħra tal-foresta. 'Il bogħod mhux ħażin!"

"Jiena malajr immur u niġi," qabeż jgħid il-ġojjin. "Ħa mmur inġibilkom l-ilma ġol-fjuri tat-tulipan."



Sadattant, il-brimba bdiet tiċċekkjalu siequ u nnotat li ġol-ferita kellu ħafna xewk u għollieq.

"Ħallu f'idejja," qalilhom il-qanfud, "jiena mdorri bix-xewk u dak lili ma jagħmilli xejn!"

U bl-akbar sabar u attenzjoni, il-qanfud beda jaqlagħlu x-xewk b'difrejh. Wara ftit wasal il-ġojjin bl-ilma. Imma l-fjura tat-tulipan ma tantx kienet tesa' u l-ġojjin kellu jtir bosta drabi mill-għadira u lura.

Meta l-ferita kienet nadifa sewwa, il-brimba nisġitlu għanqbuta madwarha, u fi ftit ħin sieq il-fenek kienet infaxxata u lesta.

"Issa sa ma tfiq sewwa, ibqa' hawn magħna," qallu l-ors. "Tibżax, għall-ikel naħsbulek aħna!"

Il-fenek infixel. Beda jħokk rasu u jħares lejn l-art. Beda jiftakar f'dak il-kliem li kien qalilhom ftit jiem qabel. Staħa jħares lejhom.

"Grazzi, grazzi ... " qalilhom sa fl-aħħar, "... u ... aħfruli!"

"U issa lilek naħtruk segretarju tal-għaqda tagħna," infexx jidħak l-ors waqt li ħareġ għan-nofs u beda jiżfen u jkanta:

"Xi ġmiel ta' sema safi,
Fil-paċi ferħanin!
Kemm hi ħaġa sabiħa
Li nkunu magħqudin!"



IT-TIENI PARTI

Informazzjoni dwar

# L-Unjoni Ewropea

# Introduzzjoni

**L-annimali tal-istorja juruna kif huma jistgħu jgħixu kuntenti u jsolvu l-problemi li jiltaqgħu magħhom meta jgħixu magħqudin flimkien u jiftiehmu biex jgħinu lil xulxin.**

L-ors, il-brimba, is-serp, il-qanfud u l-ġojjin huma kollha differenti minn xulxin: min jimxi, min jitkaxkar u min itir, u jieklu affarijiet differenti: ħaxix, insetti u annimali oħrajn. Huma jgħixu f'dar differenti wkoll, imma kollha madwar l-istess siġra. U meta jiġi l-fenek u jibda joħloq il-ġlied u l-problemi, l-annimali l-oħra juruh li hu wkoll għandu bżonnhom u aħjar ikun ħbieb magħhom milli jaqdef għal rasu.

Hekk jiġri fl-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea hi magħmula minn 27 pajjiż differenti ħafna minn xulxin fid-daqs, fin-numru ta' nies li jgħixu fihom, fl-istorja u fil-kultura tagħhom, il-lingwa, u ħafna affarijiet oħra. Fl-1957, kien hemm sitt pajjiżi li ffirmaw ftehim imsejjaħ it-Trattat ta' Ruma li bih taw bidu għall-Komunità Ekonomika Ewropea (European Economic Community). Matul is-snin pajjiżi oħra tħajru jingħaqdu magħhom biex illum fl-Unjoni Ewropea għandna 27 pajjiż, fosthom Malta. Fil-fatt, bħall-annimali tal-istorja għandhom motto: Magħqudin fid-Diversità.

Biex ngħixu flimkien, għandna bżonn ir-regoli bħalma jiġri fil-familja, fl-iskola u fil-klassi, fit-tim tal-futbol u fil-klassi taż-żfin jew tal-iskawts. Anke meta naqsmu t-triq jew immorru nixtru għandna bżonn ir-regoli. Hekk ukoll il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea għandhom ir-regoli li bihom jimxu 'l quddiem flimkien. Biex jgħixu magħqudin għandhom bżonn

ukoll jipprattikaw xi affarijiet li jiħduhom bis-serjetà ħafna: jirrispettaw lin-nies l-oħrajn kemm jekk huma bħalhom jew differenti minnhom, lill-annimali u lill-ambjent; jittrattaw lil xulxin indaqs; jagħżlu lil min imexxihom; u jobdu r-regoli u l-liġijiet. U meta jinqalgħu l-problemi, il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jiddiskutu u jippruvaw isolvuhom flimkien!

# Kif bdiet l-Unjoni Ewropea?

**Fis-seklu għoxrin (1900-1999), id-dinja għaddiet minn żewġ gwerer kbar. Dawn il-gwerer nafuhom bħala l-Ewwel Gwerra Dinjija li ġrat bejn l-1914 u l-1918, u t-Tieni Gwerra Dinjija li ġrat bejn l-1939 u l-1945.**

F'dawn il-gwerer, pajjiżi kbar riedu jirbħu lil pajjiżi oħra biex jaħkmu fuqhom u jikkmandawhom huma. L-Ewropa kien l-iktar kontinent li ntlaqat ħażin. X'kien ir-riżultat? Bliet sħaħ imfarrkin, bini storiku mġarraf, nies feruti u mejta, familji sħaħ maħrubin minn pajjiżhom biex ifittxu l-paċi.

Fl-1950, ftit wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin, Robert Schuman ħareġ bl-idea li xi pajjiżi jingħaqdu u jaħdmu flimkien ħalli fl-Ewropa qatt aktar ma jkun hemm il-gwerer. Iż-żewġ pajjiżi kbar, Franza u l-Ġermanja, li kienu għedewwa ta' xulxin, kienu l-iktar li jipproduċu żewġ materjali li kienu importanti

ħafna – il-faħam u l-azzar. Bihom kienu jitħaddmu l-magni u jagħmlu l-armamenti tal-gwerra. Fl-1957, Franza u l-Ġermanja ftiehmu mal-Italja, il-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu li ma jżommux taxxi lil xulxin meta jbigħu u jixtru l-faħam u l-azzar biex b'hekk ħadd minn dawn il-pajjiżi ma jkun aktar b'saħħtu biex jibda gwerra. B'hekk l-Ewropa setgħet tkun kontinent ta' paċi, u l-ekonomija fl-Ewropa bdiet tikber b'ritmu aktar mgħaġġel u beda jonqos il-faqar.

Din l-għaqda ta' sitt pajjiżi ntgħoġbot, u aktar pajjiiżi bdew jingħaqdu f'Unjoni li llum nafuha bħala l-Unjoni Ewropea. Sal-aħħar ta' Jannar 2020, l-Unjoni Ewropea kienet magħmula minn 28 pajjiż, li nsejħulhom Stati Membri. Iżda minn Frar 2020, ir-Renju Unit ma baqax Stat Membru u għalhekk illum l-Unjoni Ewropea hi magħmula minn 27 Stat Membru.

# L-Istati Membri

## TAL-UNJONI EWROPEA



L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma differenti ħafna minn xulxin f'ħafna aspetti: fil-popolazzjoni, il-kultura, il-lingwa, l-istorja, it-tradizzjonijiet, u diversi karatteristiċi oħra. Iżda, għalkemm huma differenti, l-Istati Membri ftiehmu fuq affarijiet komuni f'oqsma varji biex kollha kemm huma – kbar u żgħar – jimxu 'l quddiem.

L-Unjoni Ewropea titmexxa b'sistema ta' governanza unika fid-dinja. Permezz tat-Trattati, l-Istati Membri jintrabtu li jċedu parti mis-sovranità tagħhom f'ċerti oqsma u jkollhom liġijiet komuni li

jassiguraw li jintlaħqu għanijiet komuni. L-Unjoni Ewropea taħdem b'sistema ta' demokrazija rappreżentattiva u fl-aspetti komuni titmexxa permezz ta' istituzzjonijiet b'responsabbiltajiet differenti.

L-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea jaħdmu flimkien biex jilħqu għanijiet komuni u biex jagħmlu progress flimkien. Meta jkun hemm diżastri naturali, bħal għargħar, jew bħalma ġara fil-pandemija tal-Covid-19, l-Istati Membri jaqsmu r-riżorsi tagħhom ta' flus, tagħmir u esperti biex jgħinu lil xulxin. Jgħinu wkoll pajjiżi fil-kontinenti l-oħra jgħixu fil-paċi u jagħmlu progress. L-Unjoni Ewropea hija l-iktar li tagħti għajnuna lil pajjiżi oħra biex ma jkunux fqar.

Iċ-ċittadini tas-27 Stat Membru, li jgħoddu madwar 445 miljun, minbarra li huma ċittadini tal-pajjiż tagħhom, huma wkoll ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Hekk, iċ-ċittadini Maltin huma wkoll ċittadini tal-Unjoni Ewropea, bl-istess benefiċċji, drittijiet u obbligi daqs iċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra.




Ode to Joy
Magħqudin
fid-Diversità

# Is-Simboli tal-Unjoni Ewropea

L-iktar simbolu magħruf tal-Unjoni Ewropea huwa l-**bandiera**, li tikkonsisti fi **12-il stilla** safra f'forma ta' ċirku, fuq sfond ikħal. In-numru tal-istilel ma jirrappreżentax in-numru tal-Istati Membri, li huma 27, imma l-forma taċ-**ċirku** tirrappreżenta **l-għaqda** tal-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

L-Unjoni Ewropea għandha wkoll l-**innu** tagħha, meħud mis-Sinfonija numru 9 tal-kompożitur magħruf, Ludvig van Beethoven. L-innu, li jismu **Ode to Joy**, fih mużika biss u jirrappreżenta l-valuri tal-Unjoni Ewropea – il-libertà, il-paċi u s-solidarjetà.

**Jum l-Ewropa** jiġi ċċelebrat kull sena fid-9 ta' Mejju biex ifakkar il-paċi u l-għaqda fl-Ewropa. Kien fid-**9 ta' Mejju 1950** meta Robert Schuman għamel dikjarazzjoni li biha twieldet dik li llum nafuha bħala Unjoni Ewropea.





**Magħqudin fid-Diversità** huwa **l-motto tal-Unjoni Ewropea** u beda jintuża fis-sena 2000. Dan il-motto juri xi tfisser l-Unjoni Ewropea li tiġbor pajjiżi u ċittadini li jaħdmu għall-paċi u l-progress, waqt li jżommu r-rikkezza tal-kulturi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-lingwi tagħhom.

**L-ewro** hija l-munita uffiċjali għal 19 minn 27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-ewro għandu s-simbolu **€** u beda jintuża fis-sena 2002.

L-ewro jikkonsisti f'karti ta' €500, €200, €100, €50, €20, €10 u €5 u muniti ta' €2, €1, u 50, 20, 10, 5, 2 u 1 ċenteżmu. Il-karta ta' €500, għalkemm tista' tintuża, m'għadhiex tiġi stampata. Il-muniti tal-ewro għandhom wiċċ komuni għall-Istati Membri kollha li jużaw l-ewro fuq naħa, u kull Stat Membru għandu simboli tal-pajjiż fuq in-naħa l-oħra.

Biex Stat Membru jibda juża l-ewro, irid ikollu sistema tajba ta' kif iħaddem il-finanzi tiegħu.




Rispett
Libertà
Demokrazija
Solidarjetà
Ugwaljanza
Ordni

# Il-Valuri tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha

Il-kelma valur tfisser xi ħaġa tajba, importanti u prezzjuża li nżommu f'moħħna kull meta nagħmlu xi ħaġa. Meta jkollok il-valur li tgħid il-verità, inti ma tigdibx u tipprova dejjem tagħmel l-affarijiet sew. Meta temmen li l-ambjent hu importanti, taħdem biex ma tħallix skart, iżżomm nadif, ma taħlix dawl u ilma, tuża inqas plastik u tieħu ħsieb in-natura.

Meta ħafna nies ikollhom l-istess valuri, jaħdmu flimkien biex kull ħaġa li jagħmlu tkun tajba għalihom u għal dawk ta' madwarhom. Hekk, pereżempju, meta ħafna nies jgħidu l-verità jkollna iktar ħbieb sinċieri u ngħinu aktar lil xulxin. U meta ħafna nies iħobbu l-ambjent inkunu iktar f'saħħitna u jkollna pajjiż iktar nadif.

L-Unjoni Ewropea wkoll għandha valuri komuni li huma tajbin biex iċ-ċittadini tagħha, li huma aħna wkoll, ngħixu flimkien fil-paċi u l-progress. Bħalma biex takkwista xi ħaġa trid taħdem għaliha, bħal pereżempju biex ikollok riżultat tajjeb f'eżami, hekk ukoll biex ikollna l-paċi u l-progress fl-Unjoni Ewropea rridu naħdmu biex nipprattikaw il-valuri li għandu jkollhom ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

L-ebda pajjiż ma jista' jkun Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jekk ma jħaddanx il-valuri tar-Rispett, il-Libertà, id-Demokrazija, l-Ugwaljanza, l-Ordni u s-Solidarjetà.
Naraw xi jfissru l-valuri tal-Unjoni Ewropea wieħed wieħed:



# Ir-Rispett

Meta nuru rispett lejn xulxin bħala bnedmin, ngħixu bħala familja, fejn ħadd ma jġib ruħu li hu aqwa mill-oħrajn, u ngħinu aktar lil xulxin. B'hekk, f'kulma nagħmlu ma nħallu lil ħadd barra, u ma jimpurtax jekk l-oħrajn ikunux twal jew qosra, kbar jew żgħar, subien jew bniet, humiex ta' ġilda skura jew ċara, x'reliġjon għandhom, il-ġeneru tagħhom, jew x'orjentazzjoni sesswali għandhom. Ma rridux ninsew li meta nirrispettaw lil xulxin, nirrispettaw ukoll l-annimali u l-ambjent kollu ta' madwarna.



# Il-Libertà

Fl-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini jistgħu jmorru minn pajjiż għall-ieħor biex jaħdmu, jgħixu u jistudjaw daqslikieku qegħdin f'pajjiżhom. Barra minn hekk, kulħadd jista' jipprattika r-reliġjon li jixtieq u jagħti l-opinjoni tiegħu jew tagħha fuq xiex irid. Min-naħa l-oħra, il-libertà ma tfissirx li kulħadd jagħmel li jrid, għaliex iċ-ċittadini Ewropej jafu li fil-pajjiż fejn ikunu, iridu jirrispettaw ir-regoli u ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż.





# Id-Demokrazija



Fil-familja, fl-iskola, fin-nursery jew il-klassi taż-żfin ikun hemm min imexxi bħall-ġenituri, l-għalliema jew il-kowċis.
Hekk ukoll kull pajjiż ikollu l-gvern tiegħu. F'pajjiżi demokratiċi, il-gvern jintgħażel miċ-ċittadini meta jivvutaw fl-elezzjonijiet. Il-gvern tal-pajjiż ma jaqbadx u jiddeċiedi kollox waħdu imma jara li kull ħaġa li jagħmel tkun ta' ġid għaċ-ċittadini. Għalhekk il-Membri Parlamentari jiltaqgħu fil-Parlament biex jiddiskutu kif il-liġijiet li jagħmlu jgħinu u mhux ifixklu liċ-ċittadini.

Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea jivvutaw ukoll biex jagħżlu nies li jkunu fil-Parlament Ewropew. Dawn in-nies jissejħu Membri tal-Parlament Ewropew u jagħmlu kważi l-istess bħall-Membri Parlamentari nazzjonali biex jagħmlu liġijiet għall-Unjoni Ewropea.



# L-Ugwaljanza

Iċ-ċittadini kollha fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ttrattati ndaqs. Pereżempju, meta xi ħadd japplika għal impjieg, ma jintgħażilx skont jekk ikunx raġel jew mara, jekk ikunx sabiħ jew ikrah, imma skont kemm ikun kapaċi jagħmel dak ix-xogħol. Eżempji oħra ta' kif iċ-ċittadini għandhom ikunu ugwali huma li jkollhom l-istess drittijiet u opportunitajiet biex jitgħallmu, ikollhom kura għal saħħithom, dar fejn jgħixu u li jkollhom avukat li jiddefendihom jekk ikollhom imorru l-qorti.





## L-Ordni

Biex inkunu ċittadini tajbin, hu meħtieġ li nobdu r-regoli, għax jekk kulħadd jagħmel li jfettillu, ikollna konfużjoni. Immaġina x'jiġri kieku kull min isuq il-karozza ma jobdix ir-regoli tat-traffiku! Hekk ukoll fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jiftiehmu biex ikollhom regoli u liġijiet komuni li japplikaw għaċ-ċittadini kollha. L-Unjoni Ewropea tara li l-Istati Membri kollha josservaw dawn il-liġijiet.



## Is-Solidarjetà

L-Unjoni Ewropea bdiet billi sitt pajjiżi ftiehmu li jgħinu lil xulxin. B'hekk setgħu jimxu 'l quddiem bħala grupp wieħed u mhux kulħadd jaqdef għal rasu. Illum il-ġurnata, l-Unjoni Ewropea hi magħmula minn 27 pajjiż li jgħinu lil xulxin f'ħafna affarijiet, imma xi kultant ikollhom jiddiskutu ħafna sakemm jiftiehmu fuq xi ħaġa importanti.

## X'jiġri meta nipprattikaw dawn il-valuri fl-Unjoni Ewropea?

- Ngħixu fil-paċi u l-għaqda, u ma jkollniex ġlied u gwerer għax nirrispettaw lil kulħadd u l-opinjoni tal-oħrajn, huma min huma, waqt li ma nwarrbu lil ħadd.
- Nittrattaw lil kulħadd indaqs u ngħixu l-motto tal-Unjoni Ewropea: 'Magħqudin fid-Diversità'.
- Ikollna edukazzjoni tajba li tgħinna nimxu 'l quddiem, inkunu ċittadini tajbin, u meta nikbru nkunu nistgħu nsibu xogħol għal qalbna.
- Ngħixu kwalità ta' ħajja tajba għax ikollna ikel tajjeb għal saħħitna u ambjent nadif, ħieles mit-tniġġis.
- Nitgħallmu kif jgħixu ċittadini ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea u napprezzaw id-drawwiet, il-kultura, il-lingwi u l-istorja tagħhom.





## Kif jistgħu jaħdmu flimkien is-27 Stat Membru differenti?

Minħabba li l-Unjoni Ewropea hi kbira ħafna u fiha ħafna pajjiżi differenti, kien hemm bżonn li l-Istati Membri jsibu sistema ta' kif jaħdmu flimkien fejn hemm bżonn. Għalhekk l-Unjoni Ewropea għandha uffiċċji kbar li jissejħu **istituzzjonijiet** biex jgħinu lill-Istati Membri jiftiehmu fuq affarijiet komuni u jwettquhom. It-tliet istituzzjonijiet il-kbar huma: il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea.

Ix-xogħol tal-**Kummissjoni Ewropea** hu li tara li dak li jaqblu fuqu l-Istati Membri jitwettaq f'kull pajjiż. Il-Kummissjoni Ewropea hi magħmula minn 27 Kummissarju li jieħdu ħsieb affarijiet differenti bħall-ambjent, l-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xogħol u l-ekonomija.

**Il-Parlament Ewropew** hu magħmul minn nies li jagħżluhom iċ-ċittadini tal-Istati Membri u n-numru tagħhom ikun skont id-daqs tal-pajjiż. Malta għandha 6 Membri fil-Parlament Ewropew u l-Ġermanja għandha 96 membru. B'kollox, il-Parlament Ewropew hu magħmul minn 705 Membru Parlamentari. Huma jaraw li l-liġijiet li jkunu se jidħlu fl-Unjoni Ewropea huma tajbin għan-nies.



**Il-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea** hu magħmul minn 10 gruppi differenti ta' Ministri li fl-Istati Membri jieħdu ħsieb xi qasam partikulari. Pereżempju, is-27 ministru tal-edukazzjoni jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu kif jistgħu jagħmlu l-edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea aħjar. Hekk jiġri wkoll għall-ambjent, il-ġustizzja, il-finanzi, is-saħħa u l-bqija.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri jiddiskutu biex jiddeċiedu flimkien qabel ma japprovaw liġijiet li jkunu jgħoddu għall-Istati Membri kollha.

Minbarra l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri, il-Prim Ministri jew il-Presidenti tal-Istati Membri jiltaqgħu flimkien matul is-sena biex jitkellmu dwar kif l-Unjoni Ewropea tista' timxi 'l quddiem. Il-laqgħa tagħhom tissejjaħ **Kunsill Ewropew** u fiha jiddiskutu problemi komuni bħall-immigrazzjoni, l-ambjent, ix-xogħol u s-sigurtà.

L-Unjoni Ewropea għandha wkoll il-**Qorti** biex tkun tista' tiġġudika lil dawk l-Istati Membri li ma jimxux mal-liġijiet tagħha.

Il-**Bank Ċentrali Ewropew** jieħu ħsieb li l-ewro jibqa' b'saħħtu u li l-banek fl-Istati Membri jimxu kif suppost.




Welcome Europe
Lil Din l-Art Ħelwa
UNJONI EWROPEA
MALTA
UNJONI EWROPEA
MALTA
MALTA EU2017

# Malta
## FL-UNJONI EWROPEA

Malta hija l-iżgħar pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Il-popolazzjoni hi ta' madwar 515,000 ruħ u u d-daqs tal-pajjiż hu ta' kważi 316-il kilometru kwadru.




Dawn li ġejjin huma l-iktar stadji importanti fis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

**2004**

Malta saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-**1 ta' Mejju 2004**.

Bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Maltin huma meqjusa daqs iċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, bi drittijiet, opportunitajiet u benefiċċji ugwali. Il-Maltin huma marbuta wkoll li jobdu l-liġijiet li japplikaw fl-Istati Membri kollha. Ħafna Maltin jaħdmu fi Brussell u fil-Lussemburgu, fejn jinsabu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jikkoordinaw il-ħidma bejn l-Istati Membri.

L-Għodwa t-Tajba

Il-lingwa Maltija hija waħda minn 24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Kull dokument uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jinqaleb għall-Malti u l-Maltin ikunu jistgħu jiktbu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u jifhmu d-dokumenti tagħha bil-lingwa tagħhom. Il-Membri Maltin tal-Parlament Ewropew jistgħu jitkellmu bil-Malti meta jkunu fil-Parlament Ewropew.

2004

**Fit-13 ta' Ġunju 2004**, il-Maltin setgħu jivvutaw għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u baqgħu jagħmlu hekk kull ħames snin. Malta għandha 6 Membri fil-Parlament Ewropew.

2007

**Fil-21 ta' Diċembru 2007**, Malta daħlet fiż-Żona Xengen u l-Maltin setgħu jivvjaġġaw lejn l-Istati Membri l-oħra mingħajr bżonn ta' passaport jew viża.

2008

**Fl-1 ta' Jannar 2008**, f'Malta bdejna nużaw il-muniti u l-karti ta' flus tal-ewro. B'hekk, meta mmorru f'ħafna pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea ma jkollniex bżonn insarrfu l-flus ta' dak il-pajjiż għax nieħdu magħna l-ewro. Fuq il-muniti tal-ewro nsibu l-arma tar-Repubblika ta' Malta, is-Salib tal-Kavallieri, u t-Tempju tal-Imnajdra.

2017

**Bejn Jannar u Ġunju 2017**, Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea. Il-Ministri Maltin f'dak iż-żmien kienu jmexxu l-laqgħat tal-Ministri l-oħra tal-Unjoni Ewropea biex ikollna liġijiet ġodda li jagħmlu l-ħajja tagħna u taċ-ċittadini l-oħra tal-Unjoni Ewropea aħjar.

2018

**Fl-2018**, Malta ntgħażlet biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Matul 'Valletta 18', kif kienet magħrufa, saru ħafna attivitajiet kulturali u Malta setgħet tirreklama l-wirt storiku u kulturali mal-Unjoni Ewropea kollha.

Bħala pajjiż tal-Unjoni Ewropea, Malta ħadet ħafna flus biex tkompli tagħmel progress u ma tkunx inqas mill-pajjiżi l-kbar. Dawn il-flus jissejħu 'fondi tal-Unjoni Ewropea', u jingħataw lil dawk il-pajjiżi li għandhom bżonn l-għajnuna biex ikomplu jimxu 'l quddiem. Il-fondi Ewropej jintużaw biex Malta tkompli tagħmel progress f'ħafna oqsma bħat-toroq, l-isptarijiet, l-iskejjel, it-taħriġ, l-impjiegi, ir-restawr tal-wirt storiku, l-ambjent u ħafna affarijiet oħra.




European
Union

IT-TIELET PARTI

# Eżerċizzji

EŻERĊIZZJU 1

# Qabbel l-istorja tal-ktieb mal-Unjoni Ewropea

1. Pinġi siġra tal-ballut, bl-għeruq, iz-zokk u l-friegħi u semmiha 'L-Unjoni Ewropea'.

2. Madwar is-siġra, pinġi l-annimali differenti li ssemmew fl-istorja. Agħti isem ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea lil kull wieħed. Jekk trid, tista' tpinġi iktar annimali milli jissemmew fl-istorja.

3. Mal-għeruq niżżel is-sitt valuri fundamentali (rispett, libertà, demokrazija, ugwaljanza, ordni u solidarjetà) tal-Unjoni Ewropea.

4. Maz-zokk ikteb xi oqsma li fihom jikkoperaw l-Istati Membri u li fihom għandhom liġijiet komuni (ambjent, kummerċ, kwalità tal-prodotti, vjaġġar, pulizija, eċċ.).

5. Mal-friegħi, uża żewġ kuluri differenti biex tikteb affarijiet differenti u affarijiet komuni għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea:
   a. bl-ewwel kulur ikteb affarijiet differenti li għandhom iċ-ċittadini fi Stati Membri differenti (lingwa, kultura, kobor, popolazzjoni, storja, eċċ.).
   b. bit-tieni kulur ikteb xi affarijiet li jgawdu ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (paċi, vjaġġar ħieles, l-ewro, ambjent nadif, edukazzjoni, saħħa, fondi, eċċ.).

*Pinġi hawn taħt*

**EŻERĊIZZJU 2**

# L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

**Sib l-ismijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Jistgħu jkunu weqfin jew mimdudin.**

Awstrija, Belġju, Bulgarija, Ċipru, Danimarka, Estonja, Finlandja, Franza, Greċja, Ġermanja, Irlanda, Italja, Kroazja, Latvja, Litwanja, Lussemburgu, Malta, Olanda, Polonja, Portugall, Repubblika Ċeka, Rumanija, Slovakkja, Slovenja, Spanja, Ungerija, Żvezja.

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | E | P | U | B | B | L | I | K | A | Ċ | E | K | A | B | F | C | S | C | K |
| O | T | J | H | A | L | O | J | Z | T | I | J | X | K | A | V | S | D | C | Ż |
| Ħ | Z | R | E | S | T | O | N | J | A | P | P | X | F | R | A | N | Z | A | V |
| P | O | R | T | U | G | A | L | L | Z | R | M | L | C | V | M | I | A | K | E |
| L | C | R | M | A | M | Y | H | J | A | U | A | A | K | R | C | T | A | I | Z |
| B | U | L | G | A | R | I | J | A | M | H | M | T | S | T | R | A | T | S | J |
| N | F | P | S | N | T | F | F | W | R | D | V | V | K | R | K | L | A | K | A |
| Z | V | A | B | F | A | K | O | S | C | A | O | J | J | L | F | J | C | R | M |
| P | K | S | O | B | I | Y | K | T | O | N | R | A | L | L | I | A | L | O | R |
| M | A | L | T | A | T | M | A | R | R | I | J | M | Ġ | U | N | R | I | A | M |
| O | N | M | B | R | I | H | F | I | I | M | L | P | E | S | L | U | P | Z | S |
| N | O | L | A | N | D | A | H | J | S | A | J | O | R | S | A | N | R | J | L |
| P | I | B | S | P | A | N | J | A | B | R | L | L | M | E | N | G | Y | A | O |
| F | Ħ | E | H | K | R | M | N | Ġ | R | K | N | O | A | M | D | E | Ġ | B | V |
| I | C | L | Ġ | J | O | N | F | F | P | A | A | N | N | B | J | R | O | H | E |
| M | M | Ġ | H | G | R | E | Ċ | J | A | T | L | J | J | U | A | I | J | F | N |
| I | Z | J | V | I | L | I | T | W | A | N | J | A | A | R | P | J | R | S | J |
| O | K | U | J | S | L | O | V | A | K | K | J | A | T | G | H | A | Ġ | M | A |
| R | U | M | A | N | I | J | A | A | Ġ | T | V | H | R | U | B | Ġ | B | L | B |
| T | O | Ħ | R | V | J | V | I | R | L | A | N | D | A | I | P | M | J | A | Ħ |

EŻERĊIZZJU 3

# Il-Lingwi differenti

L-Unjoni Ewropea għandha 24 lingwa uffiċjali, fosthom il-Malti.

**Sib kif tikteb il-frażi 'L-għodwa t-tajba' bil-lingwi li ġejjin:**

Ingliż ______________________________

Taljan ______________________________

Spanjol ______________________________

Franċiż ______________________________

Ġermaniż ______________________________

EŻERĊIZZJU 4

# Sib id-differenzi



Fl-istorja, il-fenek tgħallem li kieku l-annimali l-oħra kienu bħalu, ħadd ma kien imur jgħinu.

## Sib 10 differenzi f'dawn iż-żewġ stampi.



EŻERĊIZZJU 5

# Aqta' l-Pajjiż

## Kompli s-sentenzi li ġejjin billi ssib il-pajjiż:

It-Torri Eiffel jinsab fi F _ _ _ _ _ .

Il-Kummissjoni Ewropea tinsab fil-B _ _ _ _ _ .

Ċ _ _ _ _ , bħal Malta, huwa gżira fil-Mediterran.

Il-logħob Olimpiku twieled fil-G _ _ _ _ _ .

Fl-1990, il-Ġ _ _ _ _ _ _ _ ngħaqdet f'pajjiż wieħed wara li għal ħafna snin kienet maqsuma fi tnejn bil-ħajt ta' Berlin.

L-iktar Stat Membru 'l fuq fil-mappa hu l-F _ _ _ _ _ _ _ _ .

L-iżgħar Stat Membru hu M _ _ _ _ .

Il-Kolossew jinsab fl-I _ _ _ _ _ .

L-O _ _ _ _ _ hi magħrufa għat-tulipani.

EŻERĊIZZJU 6

# Sib il-kelma moħbija

**Poġġi dawn il-kliem fil-pożizzjoni t-tajba sabiex mill-ittri fil-kaxxi sofor issib kelma mill-motto tal-Unjoni Ewropea:**

Iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea jistgħu jgawdu minn dawn, imorru f'liema pajjiż imorru.

Dawn jiltaqgħu fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea għandha sitta minn dawn li jgħinuha taħdem tajjeb.

Dawn tal-Unjoni Ewropea japplikaw fl-Istati Membri kollha.

Malta, Franza, Spanja u l-Italja jmissu ma' dan il-baħar.

Is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea jissejħu hekk.

L-Unjoni Ewropea tqassam minn dawn biex isiru ħafna proġetti.

Din ta' kull Stat Membru tagħmilhom differenti minn xulxin.

Din hi importanti għall-futur tagħna u niksbuha meta nibżgħu għall-ambjent ta' madwarna.

Drittijiet
Liġijiet
Ministri
Mediterran
Stati Membri
Valuri
Sostenibbiltà
Fondi
Kultura

EŻERĊIZZJU 7

# L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

Ikteb l-isem tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mmarkati bi stilla.

1

2

3

4

5

6

7

8




1
2
3
6
8
7

EŻERĊIZZJU 8

# Tisliba

## Mimdudin

1. Il-munita uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (4)
6. Magħmul mill-Prim Ministri jew Presidenti tal-Istati Membri (7, 7)
7. L-iżgħar pajjiż tal-Unjoni Ewropea (5)
8. Dan il-valur għandna nuruh lejn kulħadd u lejn l-ambjent ta' madwarna (7)
9. Magħmul minn nies li jagħżluhom iċ-ċittadini tal-Istati Membri f'elezzjoni li ssir kull ħames snin (9)
11. Is-sistema li biha l-gvern jintgħażel miċ-ċittadini billi jivvutaw fl-elezzjonijiet (11)
12. Meta l-Istati Membri jiftiehmu u jgħinu lil xulxin bħall-annimali tal-istorja, ikunu qed iħaddnu dan il-valur (11)
13. Pajjiżi u ċittadini differenti fil-kulturi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-lingwi tagħhom. Issibha fil-motto tal-Unjoni Ewropea (9)

## Weqfin

2. Din isseħħ meta kulħadd jirrispetta r-regoli u l-liġijiet li japplikaw għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea (5)
3. Dan infakkruh fid-9 ta' Mejju (3, 7)
4. Fl-ewwel ta' dan ix-xahar tas-sena 2004, Malta saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (5)
5. Din isseħħ meta kulħadd jiġi trattat indaqs u jkollu l-istess drittijiet u opportunitajiet (10)
6. Din hi magħmula minn 27 Kummissarju li jieħdu ħsieb oqsma differenti bħall-ambjent, l-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xogħol u l-ekonomija (11)
10. Iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jmorru minn pajjiż għall-ieħor sabiex jaħdmu, jgħixu jew jistudjaw, minħabba din (7)


1
2
3
4
5
6
7
8
9
10
11
12
13

EŻERĊIZZJU 9

# Il-Valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea

Ikteb sentenza biex turi li fhimt kull wieħed mill-valuri tal-Unjoni Ewropea:

**Rispett**

**Libertà**

**Demokrazija**

**Ugwaljanza**

**Ordni**

**Solidarjetà**

EŻERĊIZZJU 10

# L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Bnadar tagħhom

Ikteb l-isem u pinġi l-bandiera ta' kull Stat Membru. Ma' kull bandiera ssib xi informazzjoni dwar il-pajjiż.



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Vjenna**

Lingwa Uffiċjali: **Ġermaniż**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1995**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Brussell**

Lingwi Uffiċjali: **Ġermaniż, Franċiż u Olandiż**

Munita: **ewro**

Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Sofija**

Lingwa Uffiċjali: **Bulgaru**

Munita: **Lev**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2007**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Nikosija**

Lingwa Uffiċjali: **Grieg**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Kopenħagen**

Lingwa Uffiċjali: **Daniż**

Munita: **Krone**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1973**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Tallinn**

Lingwa Uffiċjali: **Estonjan**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Ħelsinki**

Lingwi Uffiċjali: **Finlandiż u Żvediż**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1995**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Pariġi**

Lingwa Uffiċjali: **Franċiż**

Munita: **ewro**

Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ____________
Belt Kapitali: **Berlin**
Lingwa Uffiċjali: **Ġermaniż**
Munita: **ewro**
Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ____________
Belt Kapitali: **Ateni**
Lingwa Uffiċjali: **Grieg**
Munita: **ewro**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1981**



Pajjiż: ____________
Belt Kapitali: **Dublin**
Lingwi Uffiċjali: **Irlandiż u Ingliż**
Munita: **ewro**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1973**



Pajjiż: ____________
Belt Kapitali: **Ruma**
Lingwa Uffiċjali: **Taljan**
Munita: **ewro**
Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ____________
Belt Kapitali: **Żagreb**
Lingwa Uffiċjali: **Kroat**
Munita: **Kuna**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2013**



Pajjiż: ________________

Belt Kapitali: **Riga**

Lingwa Uffiċjali: **Latvjan**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ________________

Belt Kapitali: **Vilnius**

Lingwa Uffiċjali: **Litwan**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ________________

Belt Kapitali: **Lussemburgu**

Lingwi Uffiċjali: **Ġermaniż, Franċiż u Lussemburgiż**

Munita: **ewro**

Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ________________

Belt Kapitali: **Valletta**

Lingwi Uffiċjali: **Malti u Ingliż**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ________________

Belt Kapitali: **Amsterdam**

Lingwa Uffiċjali: **Olandiż**

Munita: **ewro**

Stat Membru Fundatur: **1957**



Pajjiż: ____________________
Belt Kapitali: **Varsavja**
Lingwa Uffiċjali: **Pollakk**
Munita: **Zloty**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________
Belt Kapitali: **Liżbona**
Lingwa Uffiċjali: **Portugiż**
Munita: **ewro**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1986**



Pajjiż: ____________________
Belt Kapitali: **Praga**
Lingwa Uffiċjali: **Ċek**
Munita: **Koruna**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________
Belt Kapitali: **Bukarest**
Lingwa Uffiċjali: **Rumen**
Munita: **Leu**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2007**



Pajjiż: ____________________
Belt Kapitali: **Bratislava**
Lingwa Uffiċjali: **Slovakk**
Munita: **ewro**
Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Ljubljana**

Lingwa Uffiċjali: **Sloven**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Madrid**

Lingwa Uffiċjali: **Spanjol**

Munita: **ewro**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1986**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Budapest**

Lingwa Uffiċjali: **Ungeriż**

Munita: **Forint**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **2004**



Pajjiż: ____________________

Belt Kapitali: **Stokkolma**

Lingwi Uffiċjali: **Żvediż**

Munita: **Krona**

Dħul fl-Unjoni Ewropea: **1995**

**EŻERĊIZZJU 11**

## Mill-informazzjoni li ssib ma' kull bandiera fl-eżerċizzju ta' qabel, wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

In-numru ta' pajjiżi li jużaw il-munita ewro?

- ☐ 27 ☐ 19 ☐ 20

Liema pajjiżi daħlu l-ewwel fl-Unjoni Ewropea (Stati Membri Fundaturi)?

- ☐ Franza, Il-Ġermanja, L-Italja, Il-Belġju, L-Olanda u Il-Lussemburgu
- ☐ L-Awstrija, Id-Danimarka, L-Estonja, Il-Latvja, L-Ungerija, Ir-Rumanija
- ☐ Il-Litwanja, Il-Polonja, Malta, Il-Portugall, Il-Finlandja, Il-Bulgarija

In-numru ta' pajjiżi li daħlu fl-Unjoni Ewropea ma' Malta fl-2004?

- ☐ 7 ☐ 8 ☐ 9

Il-pajjiż li l-bandiera tiegħu tixbah lil dik ta' Malta?

- ☐ Il-Latvja ☐ L-Awstrija ☐ Il-Polonja

Il-kuluri tal-bandiera Taljana?

- ☐ Blu, Abjad, Aħmar
- ☐ Aħdar, Abjad, Aħmar
- ☐ Blu, Iswed, Abjad

Il-pajjiż li għandu l-bandiera tixbah lil dik tal-Ġermanja?

- ☐ Ir-Rumanija ☐ Il-Belġju ☐ Il-Litwanja

Kemm-il lingwa uffiċjali għandha l-Unjoni Ewropea?

- ☐ 28 ☐ 27 ☐ 24

EŻERĊIZZJU 12

# Imla l-informazzjoni nieqsa

It-tnax-il stilla fil-bandiera tal-Unjoni Ewropea jfissru l-Għ_ _ _ _ fid-D_ _ _ _ _ _ _ _ à.

Fl-Unjoni Ewropea nsibu _ _ Stat Membru.

Il-motto tal-Unjoni Ewropea hu:
'Magħqudin fid-_ _ _ _ _ _ _ _ _ _'.

Il-Popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija ta' madwar _ _ _ miljun persuna.

It-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea huma:

- Il-P_ _ _ _ _ _ _ _ _ Ewropew,
- Il-Kummissjoni E_ _ _ _ _ _ _, u
- Il-Kunsill tal-U_ _ _ _ _ E_ _ _ _ _ _ _.

In-numru tat-telefon ta' emerġenza li jista' jintuża fl-Ewropa kollha hu _ _ _.

**Europe Direct Valletta**
**MEUSAC**

**280, Triq ir-Repubblika**
**Il-Belt Valletta, VLT 1112**
**Malta**

**Tel: +356 2200 3300**
**meusac.gov.mt**

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

ISBN 978-99957-1-866-4

*Dan il-ktieb qed jitqassam b'xejn u ma jistax jinbiegħ.*